MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 956/2014

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sebastiano Brunno**

(aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant")

Il-Qorti :

Rat il-Mandat t'arrest provviżorju maħruġ mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona nhar it-22 ta' Lulju 2014, fejn l-istess Maġistrat awtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jarresta u jieħu taħt il-

kustodja tiegħu lil Sebastiano Brunno, ta' nazzjonalita Taljana, imwieled f'Lentini fi Sqallija, l-Italja nhar it-3 ta' Settembru 1958 u dan sabiex jittreġġgħa lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' priġunerija għal għomru dwar reati ta' omiċidju, kompliċita' f'tentattiv t'omiċidju aggravat, u pussess illegali ta' armi u splussivi u dan wara l-ħruġ ta' "red notice" għall-arrest tiegħu via l-Interpol, liema mandat ġie maħruġ ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta;[1]

Rat l-imsemmi "red notice" għall-arrest tal-estradant maħruġ nhar is-6 ta' Lulju 2012;[2]

Rat l-Awtorita għall-Proċediment maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Malti nhar it-13 t'Ottubru 2014[3] li permezz tagħha jirriżulta li l-Gvern tar-Repubblika tal-Italja, pajjiż barrani għall-finijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għamel talba sabiex jitreġġa lura f'dak il-pajjiż l-estradant u dan wara li l-istess Ministru premetta li l-estradant kien ġie misjub ħati talli bejn April u Settembru 1992 b'diversi atti ikkommetta delitti ta' tentattiv t'omiċidju, omiċidju volontarju kif ukoll ġarr u pussess t'armi u splussivi skont kif kien ukoll jidher minn skeda li l-istess Ministru annetta bħala dokument "X" anness mal-Awtorita għall-Proċediment.

Rat l-istess skeda li ġiet annessa u markata bħala dokument "X";[4]

---

[1] Anness u markat dok. MC1 a fol 2.
[2] Anness u markat dok. MC2. a fol 3.
[3] Anness u markat dok. DFD3. a fol 22.
[4] A fol 23.

Rat li matul l-udjenza tat-3 t'Ottubru 2014 l-Ispetturi tal-Pulizija Dr. Mario Cuschieri u Pierre Grech ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom ir-raġunijiet li wasluhom sabiex iresqu lill-estradant quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u fejn talbuha tipproċedi kontra l-estradant skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta;[5]

Rat l-eżami tal-estradant magħmul minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ai fini tal-identifikazzjoni tal-estradant, u rat li l-estradant kien qiegħed jikkontesta t-talba għal estradizzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha eżibiti;

Semgħet lix-xhud preżentat;

Rat il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 wara li dott. Donatella Frendo Dimech għall-prosekuzzjoni għamlet rifereza għad-dokument eżibit fl-atti a fol 186 et seq minn fejn, inter alia jirriżulta li nħareġ "ordine di esecuzione per la carcerazione" kontra Brunno Sebastiano li kien jassorbi u jissostitwixxi dak maħruġ nhar il-5 ta' Marzu 2009 issollevat is-segwenti eċċezzjoni :

"Id-difiza in vista ta' dak li gie ivverbalizzat mill-Prosekuzzjoni qieghda titlob li jigi dikjarat null il-mandat ta' arrest provizorju datat 22 ta' Lulju,

[5] A fol 12.

2014 maghmul ai termini ta' l-Artikolu 14(1)(a)(b) tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta u kull att u procediment sussegwenti ghalih u dan evidentement ghaliex tali mandat u kull procediment sussegwenti ghalih kienu bbazati fuq dokumentazzjoni skoretta.

In sostenn ma' din it-talba, id-difiza qieghda tindika illi apparti r-rikjesta skorretta maghmula mill-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani fis-sens illi kienet qed tintalab l-ezekuzzjoni ta' sentenza inezistenti, hemm addizzjonalment ma' dawn il-fatti, illi l-ordine di "esecuzione per la carcerizazzione" mahrug mill-Procura Generale Della Republica (Catania) numru 1052009SIEP talba sabiex Brunno Sebastiano jigi estradit biex jiskonta piena li ma hijiex dik riflessa fis-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni u cioe' dik tal-5 ta' Jannar, 2008 tal-Corte di Assise e di Appello di Catania".

Fil-qosor, l-argument tad-difiża huwa li d-dokument li in bażi tiegħu kienu inħarġu kemm il-mandat t'arrest datat 22 ta' Lulju 2014 u nbdew dawn il-proċeduri kien skorrett peress li kien jirreferi għal sentenza li ma kienetx teżisti aktar kontra tal-estradant. Tenniet li l-bażi legali għall-ħruġ tal-mandat t'arrest u l-proċedura odjerna maħruġa mill-Awtoritajiet Taljani kienu bażati fuq id-deċide tas-sentenza tal-Corte di Assise di Siracusa li kienet sabet lil Brunno ħati tar-reati ta' tentattiv t'omiċidju kif ukoll iż-żamma u l-ġarr ta' armi tan-nar u splussiv, kif ukoll ta' omiċidju volontarju u l-ġarr ta' armi tan-nar għall-liema reati kien ġie kundannat għal piena tal-għomor il-ħabs u iżolament għal perjodu ta' sena. Iżda fil-fatt jirriżulta li s-sentenza li fuqha l-Prosekuzzjoni kienet qed tibbaża l-prosekuzzjoni ta' dan il-każ kienet dik tal-Corte di Assise di Appello ta' Catania fejn kienet irriformat dik is-sentenza tal-Corte di Assise ta' Siracusa u li permezz tagħha din is-sentenza tal-Qorti ta' Catania kienet sabet lill-estradant mhux ħati tal-

imputazzjonijiet relattivi għal tentattiv t'omiċidju u żamma u ġarr ta' armi u splussiv filwaqt li bidlet is-sentenza għall-piena ta' għomor il-ħabs flimkien ma iżolament għal perjodu ta' sitt xhur. Din l-aħħar sentenza pero ma kienetx il-bażi legali tat-talbiet tal-estradizzjoni ta' Brunno kif jidher mill-atti kollha preżentati f'dan il-każ, inkluż u b'mod partikolari l-ordine di esecuzione per la carcerazione datat 5 ta' Marzu 2009. Dan kien ifisser li l-ordni għall-arrest ta' Brunno kienet ibbażata fuq sentenza li ma kienetx aktar teżesti kontra tiegħu għaliex kienet ġiet modifikata. L-Awtoritajiet Taljani u Maltin serrħu dawn il-proċeduri fuq sentenza li kienet ineżistenti u għalhekk ma kellhiex ikollha aktar effett.

Inoltre, l-prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta fl-atti wkoll is-sentenza tal-Corte di Cassazione u li ma kien hemm ebda prova li s-sentenza eżibita fl-atti a fol 35 kienet fil-fatt definittiva. Anzi l-uniku dokument li kien hemm fl-atti li kien jindika li s-sentenza a fol 35 kienet definittiva kienet fil-fatt l-ordine di esecuzione per la carcerazione tal-5 ta' Marzu 2009 li, għar-raġuni imsemmija qabel huwa dokument li kien vizjat.

Apparti dan bl-ordni l-ġdid il-prosekuzzjoni ma setgħetx tissana arrest li kien bażat fuq dokumenti li kienu skorretti.

Rat li l-Prosekuzzjoni opponiet għal din it-talba u fil-qosor il-Prosekuzzjoni tenniet li din it-talba hija fierħa għaliex dak li kien jgħodd għall-fini ta' din il-proċedura ma kienx l-"ordine di esecuzione per la carcerazione" imsemmi mid-difiża iżda s-sentenza li kienet ġie mogħtija mill-Corte di Cassazione li kienet fil-fatt sentenza definittiva li kienet tikkundanna lil Sebastiano Brunno għall-omiċidju u żamma u pussess ta' armi tan-nar versu l-piena ta' priġunerija għal-għomru b'iżolament

għal perjodu ta' sitt xhur. Din is-sentenza kienet irrevokabbli. Ir-reati li tagħhom instab ħati Brunno, anke wara li kienu ġew riveduti mill-Corte di Appello di Assise ta' Catania kienu inklużi fir-reati imsemmija fid-dokumenti li ġew eżibiti għall-fini ta' dawn il-proċeduri. Dawn il-proċeduri ma kienux qed jiġu kontestati lil Brunno fuq reati li ma kienx misjub ħati tagħhom jew li ma kienux oriġinarjament kontestati lilu – izda semmai li ġara kien li naqsu wħud minn dawk ir-reati li tagħhom kien instab ħati u li l-piena kienet baqgħet l-istess – ċioe priġunerija għal għomor bid-differenza li l-iżolament kien ġie ridott għal perjodu ta' sitt xhur u ma baqgħax aktar għal sena. Inoltre, l-mandat t'arrest proviżorju kien ġie sorpassat bil-preżentata tal-istess Brunno quddiem din il-Qorti fil-proċeduri t'estradizzjoni u fi kwalunkwe każ l-istess mandat kien jinkludi fih ir-reati li tagħhom kien instab ħati – inkluż dawk li wara kien ġie liberat minnhom. Anke r-"red notice" tal-Interpol fil-fatt tinkludi r-reati kollha li Brunno kien instab ħati tagħhom, inkluż dawk li wara ġie liberat minnhom – u fil-fatt dan ir-"red notice" kien għadu fis-seħħ. Apparti dan l-ordni tal-arrest u l-ħruġ tal-mandat t'arrest ma kien imsejjes fuq ebda document jew informazzjoni skorretta. Fil-fatt ma kienet saret ebda riferenza għal xi fatt skorrett f'dawn il-mandati. L-"ordine di esecuzione per la carcerazione" maħruġ fit-28 t'Ottubru 2014 ma kienx meħtieġ għall-fini ta' dawn il-proċeduri t'estradizzjoni iżda kien intiż prinċipalment għall-fini ta' proceduri fl-Istat rikjedent.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru 2014 li permezz tiegħu wara li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-estradant ordnat il-prosegwiment tal-proċedura u dan wara li[6] kkunsidrat li għalkemm kien minnu li l-Awtoritajiet Taljani u Maltin kienu għamlu riferenza għal dokument – ossija "ordine di esecuzione per la carcerazione"[7] li kien fih żball fl-indikazzjoni preċiża tal- piena inflitta lilu, din il-Qorti rat li ladarba l-

---

[6] in succint
[7] A fol 32.

Awtoritajiet Taljani u Maltin iċċitaw speċifikament is-sentenza eżibita a fol 35 bħala l-bażi legali għall-estradizzjoni kontra Brunno, din il-Qorti riedet tagħti setgħa lis-sustanza aħħarija ta' din is-sentenza – ċjoe dak li effettivament joħroġ kristallizzat b'mod finali mill-parti disposittiva tagħha. Ladarba d-dokumenti ippreżentati f'dawn l-atti u li in bażi tagħhom intalbu l-arrest u l-estradizzjoni ta' Brunno jorbtu lilhom infushom espliċitament ma' din is-sentenza, minkejja l-iżbalji fid-deskrizzjoni ta' dak li Brunno instab ħati tagħhom u/jew fil-parti li tiddeskrivi parti mill-piena inflitta f'xi dokumenti - din il-Qorti ma setgħatx tasal li tgħid li, minħabba f'hekk biss, tirriżulta xi nullita sostantiva f'dawn il-proċeduri.

Għalhekk il-Qorti ordnat li jitkomplew dawn il-proċeduri biss u limitatament għal dawk ir-reati li għalihom Brunno jista', jekk ikun jirriżulta li hemm lok għall-estradizzjoni tiegħu, jiġi legalment estradit għalihom u ċioe' ir-reati determinati mill-Corte di Assise di Appello ta' Catania 1a Sezione datata l-1 ta' Ġunju 2005 li rriformat is-sentenza tal-Corte di Assise di Siracusa datata 25 ta' Jannar 2003 billi Brunno kien ġie liberat mill-akkużi tat-tentattiv t'omiċidju ta' Cassia Vincenzo et al u l-pussess t'armi tan-nar u splussiv liema reati seħħew f'Noto fit-3 ta' Settembru 1992 iżda fejn kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni t'aggravanti skont l-Artikolu 7 tal-Liġi tat-12 ta' Lulju 1991 numru 203 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u l-pussess t'armi tan-nar liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 t'April 1992 u fejn allura, bis-sentenza hekk riformata ġie ikkundannat għall-piena tal-ergastolo flimkien ma isolamento diurno għal perjodu ta' sitt xhur.

Rat li minbarra din l-eċċezzjoni preliminari d-Difiża ma resqitx eċċezzjonijiet oħra jew xiehda f'dan il-każ;

Rat pero li matul is-seduta tal-21 ta' Novembru 2014, id-Difiża tenniet li l-Avukat Francesco Pasanisi, l-Avukat Taljan tal-estradant li kellu jkun preżenti għall-dik is-seduta ma setgħax ikun preżenti għall-dik is-seduta u l-eqreb data li kellu kienet dik tal-25 ta' Novembru 2014; id-Difiża iddikjarat li ma kienetx ser tinsisti għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud f'dak l-istadju b'riżerva li jiġi prodott fi stadju ulterjuri jekk ikun permess mill-Liġi;

Rat li l-Prosekuzzjoni irrilevat li filwaqt li dawn il-proċeduri kienu ilhom għaddejjin għal madwar seba' ġimgħat, kif ukoll li mit-23 t'Ottubru 2014 din il-Qorti kienet iffissat diversi seduti konsekuttivi sabiex ikun jista jattendi l-legali tal-estradant, dan f'din is-seduta ma kienx preżenti u għalhekk ma kienx hemm lok li dawn il-proċeduri jiġu mtawlin aktar sabiex jattendi dan id-difensur Taljan u dan mingħajr ma kien jidher li kien hemm rilevanza fuq il-provi li kienu jeħtieġu li jinġabru f'dan il-każ; inoltre l-Prosekuzzjoni tenniet li din is-seduta kellha tiġi utilizzata għall-iskop dikjarat u maqbul bejn il-partijiet.

Rat li in vista ta' dak verbalizzat bejn il-partijiet, il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri;

Rat li l-partijiet qablu li f'dak l-istadju setgħet issir it-trattazzjoni ta' dan il-każ fuq il-meritu;

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

**<u>Is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fuq il-meritu tat-talba għall-estradizzjoni</u>**

Semgħet lill-Prosekuzzjoni ittenni, fil-qosor illi :

1. L-Artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ġie soddisfatt fejn inħareġ mandat t'arrest provviżorju biex tiġi arrestata persuna fuq każ t'estradizzjoni sabiex persuna kundannata u li tinsab maħruba tiġi estradita lejn dak il-pajjiż rikjedent sabiex hemmhekk tiskonta l-piena legalment inflitta fuqha. Għal dan il-għan, il-Prosekuzzjoni eżebiet id-dokumentazzjoni kollha rikjesta mill-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. L-Artikolu 13 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ġie soddisfatt - l-Awtorita għall-Proċediment mill-Ministru kienet ħarġet u li din kellha tiġi mwetqa kif ordnat minn din il-Qorti fid-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru 2014 fis-sens li l-estradant kellu jiġi estradit lejn l-Italja sabiex jiskonta l-piena inflitta fuqu biss u limitatament għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo u ż-żamma u l-pussess t'armi tan-nar u munizzjoni u ċjoe l-priġunerija għal għomru bl-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur.

3. Kwantu għall-Artikolu 8 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta dan ukoll ġie soddisfatt. Mid-dokumentazzjoni eżibita jidher biċ-ċar li l-piena erogata għar-reat tal-omiċidju volontarju li l-estradant instab ħati tagħha hija dik tal-priġunerija għall-għomor. Kwantu għar-reat tal-pussess u ġarr ta' armi tan-nar jirriżulta li l-piena wkoll taqbeż it-tnax il-xahar priġunerija. Ir-reati de quo ġew identifikati u kopja tal-liġi

applikabbli ġiet ukoll eżibita fl-atti. Jidher ċar li l-piena ta' tnax il-xahar priġunerija ġiet mhux biss pruvata iżda wkoll maqbuża sew bil-kundanni inflitti. Anke jekk mhux meħtieġ li jiġi msemmi dan pero anke r-reati ekwivalenti f'Malta wkoll iġorru piena li taqbeż it-tnax il-xahar priġunerija għar-reati li l-estradant instab ħati tagħhom.

4. L-Artikolu 15(3)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ġie wkoll soddisfatt. Jirriżulta ċar li l-estradant kien maħrub mill-Italja mhux biss kif jidher mir-"red notice" tal-Interpol iżda wkoll mill-istqarrija tiegħu stess fejn jirrikonoxxi esklussivament dan il-fatt li huwa maħrub mill-Italja fejn għandu jiskonta s-sentenza ta' priġunerija għall-għomor u iżolament bi nhar għal sitt xhur fuq l-omiċidju Agnello. Is-sentenza turi li huwa kien ġie kundannat għall-dan l-omiċidju u l-evidenza turi li huwa kien maħrub mill-Italja.

5. Id-dokumenti prodotti huma kollha ammissibbli bħala prova skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li d-dokumenti ġew debitament awtentikati skont ma jidher mid-dikjarazzjoni taħt il-firma tal-Ministeru tal-Ġustizzja rappreżentata minn Allegra Migliorini tal-5 ta' Awissu, 2014 kif ukoll id-dokument iffirmat mill-Ministru tal-Ġustizzja Taljan datat 4 t'Awissu 2014.

6. Apparti minn hekk l-estradant kien qiegħed iservi piena ta' priġunerija f'Malta in segwitu għal sentenza mogħtija kontrih fejn ġie misjub ħati ta' reati u kundannat għal piena ta tliet xhur priġunerija li għaddiet in ġudikat. Għalhekk japplika għalih id-dispost tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Skont ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-każijiet in re Ronald Agius, in re Raymond Gauci u Anthony Bartolo u oħrajn fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet li l-funzjoni tal-Qorti rimandanti huwa biex tara jekk jeżistux il-presupposti fattwali li jimmilitaw favur l-estradizzjoni. F'dan il-każ dawn il-presupposti fattwali ġew soddisfatti u dan wara li dak dispost mill-Artikoli 8, 15(3) u 22 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ġew imwetqa.

8. F'dan il-każ ma kienx hemm raġunijiet validi għalbiex l-estradant ma jiġix imreġġa lura lejn l-Italja. Ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-Artikoli 10 jew 11 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġew soddisfatti mill-estradant f'dan il-każ. Ma kienx hemm ne bis in idem, preskrizzjoni, rule of speciality eċċetra.

9. F'dan il-każ, is-sentenza a fol 35 tisħaq li l-aggravanti naxxenti mill-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 ma kienx ritenut applikabbli għal dan il-każ. Dan jirriżulta kemm mis-sentenza kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet mibgħuta mill-Procura Generale della Repubblica ta' Catania datata 28 t'Ottubru 2014.[8] Dan jikkonferma li l-estradant jekk jiġi estradit ma jaffaċċjax priġunerija għal għomru mingħajr possibilita' ta' parole. F'dan il-każ ir-reġim strett imnissel minn leġislazzjoni li tħarrax il-kundizzjonijiet għal dawk li jkunu wetqu delitti serji fl-ambitu mafjuż ma hux applikabbli għax il-Qorti stess kienet eskludietu fis-sentenza tagħha eżibita a fol 35. Anzi f'dan il-każ jista' jkun hemm ukoll l-applikabbilta tal-grazja jew indult. U tant hu hekk li l-"ordine" u s-sentenza de quo jagħmluha ċara li wara li jiskonta l-piena tiegħu għandu l-liberta' viġilata għal tliet snin.

---
[8] Ara fol 187.

**L-Eċċezzjonijiet sollevati mid-Difiża matul id-difiża fil-meritu**

Semgħet ukoll l-eċċezzjonijiet tad-Difiża fil-meritu li in (suċċint) huma : -

1. L-Awtorizzazzjoni għal-Proċediment tal-Ministru hija d-dokument bażilari għal dan il-każ. Huwa in segwitu għal din l-Awtorizzazzjoni li setgħet tittieħed din l-azzjoni t'estradizzjoni kontra l-estradant. Biss din l-Awtorizzazzjoni hija msejsa fuq dokumenti li huma dokumenti li fihom fatti żbaljati. Din l-Awtorizzazzjoni toħroġ mill-Artikolu 13 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jirrikjedi li jkun hemm għadd ta' dokumenti li jiġu preżentati lill-Ministru qabel ma joħroġ din l-Awtorizzazzjoni. Fil-fatt dan l-Artkolu jgħid li din id-dokumentazzjoni tinkludi ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna. F'dan il-każ din l-informazzjoni toħroġ mill-"ordine di esecuzione per la carcerazione" datat 5 ta' Marzu 2009 u li kif ġie muri matul il-kors ta' dawn il-proċeduri jikkontjeni informazzjoni żbaljata dwar il-fatti li tagħhom instab ħati l-estradant u dwar il-piena inflitta fuqu. Għalhekk l-estradizzjoni ma tistax titwettaq in bażi għal Awtorita għall-Proċediment li hija imsejsa fuq dokumenti li fihom żbalji fattwali.
2. Inoltre l-istess estradizzjoni ma tistax titwettaq ukoll peress li dan iċ-ċertifikat huwa meħtieġ sine qua non mill-istess Liġi tal-Estradizzjoni Maltija u li issa kien ġie mibdul b'ieħor maħruġ mill-Procura Generale della Repubblica di Catania datat 28 t'Ottubru 2014. Biss dan id-dokument li huwa maħsub sabiex jassorbi u jissostitwixxi dak maħruġ fil-5 ta' Marzu 2009 (u li huwa dokument bl-iżbalji fih) kien ġie maħruġ **wara** li l-Ministru Malti ħareġ l-Awtorita għall-Proċediment u għalhekk il-Ministru ma rax lilu iżda ra' dak li kien fih fatti żbaljati. Illi dan id-

dokument il-ġdid maħruġ fit-28 t'Ottubru 2014 ma jaqbilx mal-fatti imsemmija fl-Awtorita għall-Proċediment maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja Malti u l-anqas ma jaqbel mal-fatti imsemmija fl-iskeda annessa mal-istess Awtorita għall-Proċediment. B'hekk issa il-fatti elenkati fid-dokument il-ġdid ma jaqblux maċ-ċertifikat li oriġinarjament ġie maħruġ u li fuqu inħarġet l-Awtorita għall-Proċediment, liema ċertifikat għandu l-iskop li jipprova li hemm sentenza li hija definittiva u eżegwibbli kontra l-estradant.

3. Apparti u aktar gravi minn hekk dan iċ-ċertifikat il-ġdid mhux dokument legalment ammissibbli bi prova f'dan il-każ għaliex mhux debitament awtentikat skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li huwa fotokopja mhux ċertifikata jew awtentikata.
4. Apparti minn dan mhux minnu li l-esklużjoni tal-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 teskludi "lo stampo Mafioso del reato" iżda jeskludi biss ir-reat t'"associazione mafiosa".

**<u>Ir-Replika tal-Prosekuzzjoni</u>**

Semgħet ir-replika tal-Prosekuzzjoni li in suċċint tenniet li:-

1. Il-każ ma nbediex permezz tal-Awtorita għall-Proċediment iżda inbeda permezz ta' Mandat t'Arrest Provviżorju maħruġ mill-Maġistrat dott. Antonio Micallef Trigona wara li kienet inħarġet ir-"red notice" tal-Interpol.
2. L-"ordine di esecuzione per la carcerazione" mhux rilevanti għall-fini tal-estradizzjoni għax it-talba għall-estradizzjoni mhix bażata fuq dan l-"ordine di esecuzione per la carcerazione".
3. L-Artikolu 13 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta jiskatta wara li l-Awtorita Ġudizzjarja Maltija tkun irċeviet id-dokumentazzjoni

meħtieġa mill-pajjiż rikjedent u mhux qabel. F'dan il-każ, it-talba għall-estradizzjoni ħarġet mill-Ministru Taljan f'Awissu tal-2014 u l-Awtorita għall-proċediment mill-Ministru Malti ħarġet f'Ottubru 2014.

4. L-"ordine di esecuzione per la carcerazione" kien notifikat lill-estradant bħala parti minn eżerċizzju ta' koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani u dawk Maltin. Dan kien jidher ukoll mill-korrispondenza skambjata bejn il-Procura Generale di Catania u l-Avukat Ġenerali.
5. Din l-"ordine di esecuzione per la carcerazione" kienet meħtieġa għall-fini ta' proċedura interna fl-Italja u ma kienetx meħtieġa għall-fini tal-proċediment jew prosegwiment tal-proċedura t'estradizzjoni.
6. Id-dokumentazzjoni kollha eżibita mill-Prosekuzzjoni hija ammissibbli bi prova għaliex skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta anke fotokopja tkun suffiċjenti.
7. Ladarba l-Ministru tal-Ġustizzja Malti kien mogħti d-dokumentazzjoni disponibbli u huwa għażel li joħroġ l-Awtorita għall-Proċediment, il-Qorti kienet marbuta bl-Awtorita għall-Proċediment u mhux bid-dokumentazzjoni li kienet disponibbli għall-Ministru.
8. Din il-proċedura hija estradizzjoni taħt il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux proċedura ta' Mandat t'Arrest Ewropew. Din hija proċedura regolata bejn Stati Sovrani, aktar milli proċedura t'estradizzjoni immexxija mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji. Għalhekk il-Ministru għandu rwol importanti ħafna f'dawn il-proċeduri u jkun hu li jara d-dokumentazzjoni li tkun maħruġa u jiddeċiedi jekk joħroġx l-Awtorita għall-Proċediment jew le.

**<u>Il-kontro-replika tad-Difiża</u>**

Semgħet il-kontro-replika tad-Difiża li brevement tenniet li : -

1. Huwa minnu li l-Ministru huwa importantissimu f'dawn il-proċeduri – tant li huwa mhux xi adett tal-Kummissarju tal-Pulizja. Huwa jaġixxi awtonomament u huwa "key player" fl-estradizzjoni. L-Awtorita tiegħu hija meħtieġa indipendentement mill-ħruġ tal-mandat t'arrest provviżorju.
2. Għalhekk jekk l-Awtorita tiegħu kienet imsejsa fuq dokumenti li jikkontjenu żbalji fattwali din l-Awtorita inħarġet b'mod żbaljat għax bażata fuq dokumenti li kienu jikkontjenu żbalji tant li wara l-"ordine di esecuzione per la carcerazione" ġie sostitwit mill-istess Prosekuzzjoni.
3. Tant kien importanti dan id-dokument li l-istess Procura Generale di Catania kienet bagħtitu b'mod urġenti lill-Avukat Ġenerali Malti.
4. L-"ordine di esecuzione per la carcerazione" ma kienx "mandato di arresto cautelare", iżda kien dokument li minn natura tiegħu kien ċertifikazzjoni tan-natura definittiva tal-kundanna li in bażi tagħha qegħda tintalab l-estradizzjoni. Is-sentenza innifisha mhix ċertifikazzjoni tar-*res judicata* – iżda l-liġi teħtieġ li jkun hemm ċertifikat appożitu għal dan.

***Ikkunsidrat li fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet għandha tippuntwalizza s-segwenti :-***

1. Li din il-Qorti kif presjeduta wara li ħadet kont tad-dokumenti eżibiti u tal-istqarrija rilaxxjata mill-estradant,[9] kienet sodisfatta li l-Awtorita għall-Proċediment kienet fil-fatt maħruġa fil-konfront tal-persuna li kienet qegħda tidher quddiemha, u ċjoe Sebastiano Brunno;

[9] A fol 6.

2. Li wara li rat l-Artikoli 6 u 7 tal-Kap 276 hija soddisfatta li l-Italja huwa pajjiż barrani speċifikat kif ukoll li l-azzjoni de quo setgħet, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tinbeda' kontra tal-estradant;

3. Li mill-provi prodotti quddiemha ġie pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-estradant kien ġie misjub ħati minn Qorti kompetenti fir-Repubblika tal-Italja ċjoe mill-Corte di Assise di Appello ta' Cataniali permezz tas-sentenza deċiża nhar il-5 ta' Jannar 2008 reża irrevokabbli fil-5 ta' Marzu 2009, ikkonfermat is-sentenza tal-Corte di Assize di Appello 1a Sezione datata l-1 ta' Ġunju 2005 li rriformat is-sentenza tal-Corte di Assise di Siracusa datata 25 ta' Jannar 2003 fejn l-estradant kien ġie liberat mill-akkużi tat-tentattiv t'omiċidju ta' Cassia Vincenzo et al u l-pussess t'armi tan-nar u splussiv[10] iżda fejn kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni t'aggravanti skont l-Artikolu 7 tal-Liġi tat-12 ta' Lulju 1991 numru 203 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u l-pussess t'armi tan-nar[11] u fejn allura, bis-sentenza hekk riformata l-estradant ġie ikkundannat għall-piena tal-priġunerija għal għomru (ergastolo) flimkien mal-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur.

4. Li l-estradant kien preżenti meta ingħatat din is-sentenza.[12]

5. Li mill-provi prodotti, mhux l-anqas mill-istqarrija rilaxxjata mill-estradant stess a fol 6 jirriżulta pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-estradant huwa persuna li jikkwalifika bħala persuna ħielsa kontra l-Liġi wara li kienet instabet ħatja ta' reat f'pajjiż barrani speċifikat.

[10] liema reati seħħew f'Noto fit-3 ta' Settembru 1992.
[11] liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 t'April 1992.
[12] Skont kif jidher mis-sentenza eżibita a fol 35.

6. Li mill-provi prodotti quddiemha jirriżulta wkoll li r-reati li dwarhom l-estradant kien misjub ħati fil-pajjiż barrani speċifikat huma reati t'estradizzjoni in kwantu r-reati imsemmija aktar il-fuq huma reati li dwarhom l-estradant weħel piena li skont il-Liġi tal-pajjiż barrani speċifikat kienet tiżboq il-priġunerija għal żmien tnax-il xahar kif ukoll li l-egħmil li tiegħu kien ġie misjub ħati kien jikkostitwixxi reat kontra l-Liġi ta' Malta li kieku sar f'Malta.

7. Li minbarra dak li ġie imsemmi aktar il-fuq u salvi r-riżervi reġistrati fl-atti u f'dan il-provvediment, id-Difiża ma ssollevatx raġunijiet ta' natura legali li jaqgħu taħt l-Artikolu 10 u 11 tal-Kap 276 u li dwarhom, skont il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, din il-Qorti setgħet tagħti provvediment.

8. Iżda mill-banda l-oħra d-Difiża qegħda targumenta li l-estradizzjoni ta' Sebastiano Brunno ma għandhiex issir minħabba difett li jolqot direttament il-bażi ta' din il-proċedura t'estradizzjoni u ċjoe l-Awtorita għall-Proċediment magħmula mill-Ministru tal-Ġustizzja Malti ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Argumenti tad-Difiża ġew ampjament sintetizzati aktar il-fuq u li in definittiva ttenni li jekk dawn l-argumenti jiġu milqugħa, minkejja li l-presupposti fattwali aktar il-fuq imsemmija jkunu ġew soddisfatti, l-estradizzjoni ta' Brunno ma tkunx tista tirnexxi. Din il-Qorti sejra tanalizzahom seriatim.

9. Jidher ċar li l-pern tal-argument tad-Difiża fil-meritu ta' dan il-każ jistrieħ fuq dak dispost mill-Artikolu 13 tal-Kap 276 li jgħid : -

> **13.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar mandati provviżorji, xejn ma għandu jsir dwar persuna skont dan l-Att ħlief bis-saħħa ta' ordni tal-Ministru (f'dan l-Att imsejjaħ awtorità għal proċediment) maħruġ fuq talba magħmul bil-miktub lill-Ministru minn jew f'isem

il-Gvern tal-pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew tal-pajjiż barrani speċifikat li fih il-persuna li għandha tiġi mreġġa' lura hi akkużata jew kienet misjuba ħatja.

(2) Għandu jingħata ma' kull talba magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu f'isem xi pajjiż -

(*a*) fil-każ ta' persuna akkużata ta' reat, mandat għall-arrest tagħha maħruġ f'dak il-pajjiż;

(*b*) fil-każ ta' persuna ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna, flimkien, f'kull każ, ma' -

(i) il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-identità u n-nazzjonalità tagħha;

(ii) il-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-liġi li taħtha dik il-persuna tkun akkużata jew tkun instabet ħatja, id-deskrizzjoni legali tar-reat u kopja tal-leġislazzjonijiet relattivi jew (jekk dan ma jkunx prattikabbli) dikjarazzjoni dwar il-liġi rilevanti;

(iii) u prova biżżejjed biex ikun ġustifikat il-ħruġ ta' mandat għall-arrest tagħha skont l-artikolu 14 ta' dan l-Att.

(3) Meta jirċievi talba bħal dik, il-Ministru jista joħroġ ordni ta' proċediment kemm-il darba ma jidhirlux li ordni għat-treġġigħ lura ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jsir legalment, jew fil-fatt ma għandux isir, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

10. F'dan il-każ id-Difiża tilmenta bin-nuqqasijiet li hemm imnissla b'konsegwenza għall-fatt li parti mid-dokumentazzjoni prodotta lill-Ministru u li hi meħtieġa mill-Artikolu 13(2)(b) tal-istess Kap 276 kien fiha żbalji ta' fatt u li għalhekk dan iwassal sabiex il-ħruġ tal-Awtorita għall-Proċediment inħareġ fuq dokumenti li kienu jikkontjenu żbalji u għalhekk din l-Awtorita għall-Proċediment ma kienetx integra u regolari. Issa verament li f'dan il-każ l-arrest tal-estradant kien sar bis-saħħa ta' Mandat t'Arrest Proviżorju maħruġ mill-Maġistrat dott. Antonio Micallef Trigona aktar il-fuq imsemmi a fol 2. Iżda huwa minnu wkoll li l-proċedura t'estradizzjoni kienet ġiet segwita bl-Awtorita għall-Proċediment maħruġ mill-Ministru tal-Ġustizzja Malti datat 13 t'Ottubru 2014. Fil-fatt din l-Awtorita għall-Proċediment ġiet magħmula u eżibita a fol. 22. Din saret wara li kien inħareġ il-Mandat t'Arrest Provviżorju iżda wkoll wara talba formali li kienet ġiet magħmula mill-Ministru tal-Ġustizzja Taljan datata 4 t'Awissu 2014 kif

jidher minn fol 30A, f'liema talba l-istess Ministru tal-Ġustizzja Taljan isemmi li Brunno huwa mitlub li jiġi ritornat lura lejn l-Italja wara li kien instab ħati tar-reati imsemmija fl-istess talba.

11. Din hija proċedura t'estradizzjoni magħmula skont il-Kap 276 u mhix proċedura ta' eżekuzzjoni ta' Mandat t'Arrest Ewropew. Dan ifisser li r-rwol tal-Eżekuttiv u b'mod partikolari tal-Ministru tal-Ġustizzja f'dawn il-proċeduri huwa wieħed kruċjali. Għalkemm dawn il-Qrati ġew mogħtija setgħat ta' skrutinju fuq aspetti diversi tal-proċess tal-estradizzjoni – u b'mod partikolari dwar dawk l-aspetti ta' natura legali (bħal preskrizzjoni, ne bis in idem eċċetra) l-istess Qrati ma jistgħux jissostitwixxu d-diskrezzjoni jew setgħat mogħtija lill-Ministru f'kull każ.[13] Fil-każijiet t'estradizzjoni skont il-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rwol tal-Ministru huwa u jibqa' fundamentali u żgur mhux rwol sekondarju. Anzi huwa intiż li jkun rwol attiv u mhux passiv. Jekk il-Liġi tirriżervalu setgħa, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata minnu u ladarba tiġi eżerċitata minnu hemm limitu kemm il-Qorti tista tissindaka din id-deċiżjoni li hija mill-Liġi stess imħollija lilu.

12. Hekk per eżempju l-Awtorita għall-Proċediment hija mħollija fid-deċiżjoni u diskrezzjoni tal-Ministru – bħal ma hija, fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni aħħarija jekk l-estradant, minkejja kollox, għandux jiġi estradit lejn il-pajjiż rikjedent. Dak li l-Qrati jistgħu jagħmlu f'dawn il-proċeduri huwa li jaraw jekk il-voti tal-liġi jkunux ġew soddisfatti u f'każ t'eżitu pożittiv jibgħatu lill-estradant taħt kustodja biex jiġi mreġġħa lura lejn il-pajjiż rikjedent. Il-Qrati f'dawn il-proċeduri ma għandhomx is-setgħa li jordnaw li persuna tiġi estradita. Ikun imbagħad jispetta lill-Eżekuttiv, ossija l-Ministru konċernat li jagħti

[13] "Anthony Satariano vs. L-Avukat Ġenerali et", Qorti Kostituzzjonali, deċiża nhar it-28 t' Novembru 1997.

eżekuzzjoni għat-talba għall-estradizzjoni li, del resto, jista' xorta waħda jagħżel li, fid-diskrezzjoni tiegħu, ikunx hemm l-estradizzjoni tal-estradant jew le – indipendentement minn dak li jiddeċiedu l-Qrati li jibgħatu lil dik il-persuna taħt kustodja għall-fini ta' estradizzjoni. Is-sentenzi tal-Qrati Maltin f'dawn il-każijiet ma jistgħux jitqiesu bħala deċiżjonijiet t'estradizzjoni.[14]

13. Issa skont il-ġurisprudenza nostrana proċeduri t'estradizzjoni huma proċeduri *sui generis* u ma humiex proċeduri ta' natura kriminali fis-sens li dawn il-Qrati ma jiddikjarawx jekk persuna hix ħatja jew le ta' reati ta' natura kriminali. Dan joħroġ ċar mis-sentenza "Il-Pulizija vs. Raymond Gauci et"[15] fejn ingħad li: -

> Kif gja' kellha okkazzjoni taghmel f'decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, illum stess, fl-Appell Kriminali 118/2001 fl-isimijiet 'Il-Pulizija vs. Fatiha Khallouf', fi proceduri ta'estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna ma tezistiex il- figura ta'persuna li tigi **mputata jew akkuzata b'reat**. F'dawn il-Qrati ma jigiex deciz jekk hemmx htija jew le, jekk hemmx responsabilita' kriminali jew le, ma tigiex uzurpata l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. F'dawn il-proceduri ma hemm ebda "*criminal charge to be determined*". Dawn huma proceduri intizi biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali w formali skond il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (Art. 43), sabiex talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta'persuna partikolari tintlaqa'. Effettivament ghandu dejjem jigi nnutat u sottolineat li mhumiex il-Qrati Maltin li jordnaw l-estradizzjoni ta'persuna lejn pajjiz barrani rikjedent, izda tali Ordni ta' Treggigh Lura jinhareg finalment u biss mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja fid-diskrezzjoni tieghu (Art. 21 tal-Kap. 276).

14. Konsegwenza loġika li ssegwi minn din l-interpretazzjoni tal-Liġi hija dik mistqarra fis-sentenza "Il-Pulizija vs George Cauchi"[16] fejn ingħad li :

> 3. Il-ligijiet li jitrattaw dwar l-estradizzjoni, galadarba ma humiex strettament ligijiet ta' natura penali – intizi, jigifieri, biex jikkwalifikaw xi ghemil jew nuqqas bhala reat u jippenalizzawh,

[14] "Anthony Satariano vs. L-Avukat Ġenerali et", Qorti Kostituzzjonali, deċiża nhar it-28 t' Novembru 1997.
[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2001.
[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2004.

bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-Kodici Kriminali – ghandhom jigu interpretati b'mod li, sa fejn hu possibbli, jintlahaq l-iskop li ghalih saru, u cioe` li jkun hemm ko-operazzjoni internazzjonali b'tali mod li reati ta' certa` gravita` jigu puniti fil-pajjiz fejn ikunu twettqu. Tali ligijiet, ghalhekk, ma hux mehtieg li jinghataw interpretazzjoni restrittiva – bhalma huwa l-kaz ta' ligijiet penali. Kif tajjeb osserva Lord Steyn fil-House of Lords fil- kawza ***In re Ismael*** (deciza fid-29 ta' Lulju, 1998):

**Next there is the reality that one is concerned with the contextual meaning of "accused" in a statute intended to serve the purpose of bringing to justice those accused of serious crimes. There is a transnational interest in the achievement of this aim. Extradition treaties and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permit in order to facilitate extradition.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

15. Id-Difiża ssostni li l-Awtoritajiet Taljani, in adempiment għall-obbligi Konvenzjonali tagħhom, ippreżentaw lill-Awtoritajiet Maltin diversi dokumenti li fuqhom it-talba għall-estradizzjoni tagħhom kellha tiġi valutata u li ewlenija fosthom hemm dik a fol 32 ossija l-"ordine di esecuzione per la carcerazione" li huwa intiż li jiġi meqjus bħala wieħed mid-dokumenti meħtieġa *sine qua non* mill-Artikolu 13 tal-Kap 276 sabiex il-Ministru jkun jista joħroġ l-Awtorita għall-proċediment tiegħu. Skont id-Difiża dan id-dokument huwa intiż li jipprova li kien hemm sentenza definittiva u eżegwibbli kontra Brunno u ladarba dan id-dokument jikkontjeni żbalji fattwali, dan wassal biex il-Ministru tal-Ġustizzja Malti ħareġ l-Awtorita għall-proċediment fuq dokument bi żbalji u b'hekk inħarġet l-Awtorita irregolament; u l-istess dokument ma jaqbilx mal-fatti kif esposti fid-dokument analogu ġdid maħruġ mill-Procura Generale ta' Catania fit-28 t'Ottubru 2014 u li bih ipprovaw jissanaw il-posizzjoni, li pero xorta waħda tibqa' mhix sanabbli in kwantu l-Ministru Malti ma kienx ħa konjizzjoni ta' dan id-dokument il-ġdid u rivedut meta huwa ħareġ l-Awtorita għall-proċedimenti de quo.

16. Issa l-Artikolu 13(2)(b) tal-Kap 276 jgħid li fil-każ ta' persuna ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, jeħtieġ li jiġu *inter alia* prodotti lill-Ministru konċernat ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna. Id-Difiża tattakka din il-proċedura in

bażi għal din id-dokumentazzjoni rikjesta skont dan l-Artikolu 13(2)(b) tal-Kap 276 u mhux dokumenti oħra. Il-Qorti tifhem li din id-dokumentazzjoni hija maħsuba qabel xejn sabiex tissodisfa lill-Ministru konċernat fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu jekk jagħżilx li joħroġ l-Awtorita għall-Proċediment jew le. L-għażla jekk joħroġx din l-Awtorita jew le hija biss f'idu. Tant hu hekk li s-subinċiż (3) tal-istess Artikolu jgħid li meta jirċievi talba bħal dik, il-Ministru jista joħroġ ordni ta' proċediment kemm-il darba ma jidhirlux li ordni għat-treġġigħ lura ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jsir legalment, jew fil-fatt ma għandux isir, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

17. Jiġifieri jfisser li fl-analiżi li jrid jagħmel il-Ministru, il-Liġi qegħda tirriżervalu mhux biss is-setgħa li joħroġ l-Awtorita għall-proċediment jew le, iżda saħansitra huwa riżervat lilu l-proċess t'analiżi mhux biss jekk hemmx il-fatti meħtieġa għalbiex persuna tiġi mreġġgħa lura, iżda wkoll jekk it-treġġiegħ lura ta' dik il-persuna tistax issir legalment skont id-disposizzjonijiet tal-istess Kap 276. Kif inhi il-Liġi tindika li l-eżami tal-Ministru jrid isir in bażi għall-dik id-dokumentazzjoni li tkun prodotta mat-talba tal-Eżekuttiv tal-pajjiż barrani u mhux b'riferenza għal dokumentazzjoni li tiġi wara.

18. Ladarba din id-diskrezzjoni tkun ġiet eżerċitata mill-Ministru, naturalment in bażi għad-dokumentazzjoni disponibbli lilu, wara l-ħruġ ta' tali Awtorita, il-Qorti tkun tista tissokta bil-proċedura skont il-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-mod kif dan il-Kap huwa redatt jidher li l-obbligu tal-analiżi tad-dokumentazzjoni li fuqha tkun imsejsa t-talba għall-ħruġ tal-Awtorita għall-proċediment u l-aċċertament tal-istess trid issir u kellha ssir mill-Ministru **qabel** ma joħroġ l-Awtorita; tant li jekk jidhirlu li tali Awtorita għall-Proċediment ma tistax legalment issir, għandu s-setgħa hu stess li jirrifjuta li joħroġ tali Awtorita. Pero ladarba l-Awtorita tkun inħarġet, il-Qorti imbagħad trid tara jekk hemmx il-presupposti ta' fattwali u formali li tali proċedura t'estradizzjoni titkompla u jekk eventwalment tistax tordna lill-estradant jitqiegħed taħt

kustodja biex jiġi mreġġgħa lura kif ikun mitlub.

19. L-eċċezzjoni impostata pero tistieden lil din il-Qorti sabiex tiddetermina jekk, ladarba l-Awtorita għall-Proċediment kienet maħruġa fuq dokument bi żbalji tistax legalment, in vista ta' tali irregolarita' twassal għad-deċiżjoni li l-estradant jiġi imqiegħed f'kustodja għall-fini tal-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja. Id-Difiża kjarament targumenta li din il-Qorti dan ma tistax tagħmlu. Għalhekk il-Qorti trid tara jekk, bil-fatt li l-Ministru kien preżentat b'dokument li kien fih żbalji (u biss b'riferenza għal dak/dawk id-dokumenti li l-Ministru kien ra' u rċeva qabel ma ħareġ l-Awtorita – u ebda dokument ieħor maħruġ wara u li l-Ministru ma rax) u bil-fatt li l-Awtorita għall-Proċediment ħarġet in bażi għal dawk id-dokumenti li jikkontjenu żbalji, kienx jikkostitwixxi difett tali li jwassal għal irregolarita fil-proċedura tal-estradizzjoni tali li jipprekludi lil din il-Qorti milli tkun tista tordna lill-estradant milli jitqiegħed taħt kustodja biex jiġi estradit lejn l-Italja kif mitlub mill-Eżekuttiv Taljan. Fil-fehma tal-Qorti, anke fid-dawl tal-ġurisprudenza aktar il-fuq ċitata, sabiex dan id-difett fid-dokumentazzjoni jiġi ritenut li jwassal għal irregolarita tali fil-ħruġ tal-Awtorita għall-Proċediment tal-Ministru Malti jrid ikun difett ta' tali entita, kobor u serjeta li jkun jiġġustifika lil din il-Qorti li tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni u li tordna l-ħelsien mill-kustodja tal-estradant minkejja n-natura serjissima tar-reati li huwa jkun instab ħati tagħhom u li minħabba fihom tkun qed tintalab l-estradizzjoni. Fil-fehma tal-Qorti mhux kull żball jew difett għandu jwassal għal konsegwenza tal-ħelsien mill-kustodja tal-estradant. Jekk kellu jkun hekk allura anke l-iċken żball ta' formalita jew żball tekniku jista jwassal biex persuna tkun tista teħles mir-responsabbilitajiet tagħha lejn il-Ġustizzja fil-pajjiż rikjedent – nonche li l-pajjiż rikjest ikun ritenut li qed jonqos mill-obbligi Legali u Konvenzjonali tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa preċiżament dak li

s-sentenza "Il-Pulizija vs George Cauchi"[17] u b'mod partikolari is-sentenza "In re Ismael" kwotata ma jridux li jsir.

20. L-Artikolu 13(2)(b) tal-Kap 276 isemmi li mat-talba tal-Ministru tal-pajjiż barrani għall-estradizzjoni ta' persuna ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, irid jiġi mgħoddi wkoll ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna. Pero kif inhu redatt dan l-Artikolu ma jipprovdix dettalji dwar kif dan iċ-ċertifikat għandu redatt, min għandu jirrediġieh, min għandu jew jista' joħroġ dak iċ-ċertifikat u x'sura għandu jkollu. L-anqas jissemma' x'inhuma l-konsegwenzi fil-każ li din id-dokumentazzjoni ma tiġix preżentata kollha jew jekk f'tali dokumentazzjoni ikun hemm xi żbalji. Il-kelma "għandu" turi li huwa imperattiv li jkun hemm din id-dokumentazzjoni imsemmija f'dan l-Artikolu. Biss imbagħad il-Liġi tħalli f'idejn l-Istati Sovrani s-setgħa li jirregolaw il-posizzjoni tagħhom dwar din id-dokumentazzjoni; daqskemm il-pajjiż rikjedent għandu s-setgħa li jippreżenta dokument li skont il-proċedura tiegħu jkun jissodisfa dak il-vot, daqstant ieħor il-pajjiż rikjest għandu s-setgħa li jqis u jaċċetta dokumentazzjoni fil-pussess tiegħu fuq talba għal estradizzjoni bħala li tkun tissodisfa jew ma tissodisfax il-vot tal-Liġi tiegħu. Mhux speċifikat x'jikkostitwixxi dan iċ-ċertifikat u għalhekk jista jieħu suriet differenti u jkun maħruġ minn entijiet differenti – dment li jkun soddisfatt il-vot minimu tal-Liġi li tirrikjedih. F'din il-Liġi ma hemm xejn li jivvjeta, per eżempju li s-sentenza kundannatorja innifisha u li minnha tkun titnissel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna milli tkun ritenuta bħala ċertifikazzjoni tal-kontenut tagħha nnifisha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna fiha kontenuti. F'dan il-każ din is-sentenza hija formanti parti mill-atti daqskemm jifforma parti mill-atti id-dokument a

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2004.

fol 32 u li għalih tagħmel riferenza d-Difiża. Jiġifieri hawnhekk l-Aworitajiet Eżekuttivi Taljani jidher li qdew l-obbligi tagħhom fis-sens li ppreżentaw lill-Ministru Malti mhux biss id-dokument a fol 32, iżda wkoll kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja u li għaliha d-dokument a fol 32 jirreferi speċifikament u li fuqha jistrieħ. Jiġifieri s'ħawnhekk ma jistax jingħad li l-vot tal-Liġi Maltija ma ġiex osservat. Anzi ġie osservat billi mhux biss intbgħat id-dokument a fol 32 (li d-difiża tgħid li huwa dak li huwa intiż li jissodisfa l-vot tal-Artikolu 13(2)(b)) talli bagħtu wkoll il-bażi legali għal dan id-dokument.

21. Pero jekk *gratia argomenti* l-argument tad-Difiża li s-sentenza per se ma tistax titqies li hija ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna fiha nnifisha għandu jreġi, u li allura dan iċ-ċertifikat huwa rifless fid-dokument a fol 32 ossija l-"ordine di esecuzione per la carcerazione", din il-Qorti tqis li f'dan il-każ, indipendentement minn dan id-dokument a fol 32, xorta hemm ċertifikat ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna.

22. Qabel xejn irid jingħad li skont il-Liġi Taljana in materia dan id-dokument ossija l-"ordine di esecuzione per la carcerazione" irid jinħareġ kull meta jkun hemm sentenza b'kundanna għall-perjodu ta' priġunerija mogħtija minn Qorti Taljana u mhux marbut esklussivament ma xi proċedura t'estradizzjoni. Dan joħroġ minn qari tal-Artikolu 656 comma 1, tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali Taljan li jgħid : -

> 1. Quando deve essere eseguita una sentenza di condanna a pena detentiva, il pubblico ministero emette ordine di esecuzione con il quale, se il condannato non è detenuto, ne dispone la carcerazione. Copia dell'ordine è consegnata all'interessato.[18]

Jiġifieri dan huwa Artikolu t'applikazzjoni ġenerali u mhux speċifiku għall-fini t'estradizzjoni. Għalkemm huwa possibbli li dan id-dokument jitqies bħala ċertifikat għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-ħtija u l-kundanna, xorta waħda mhux ritenut li huwa esklussivament intiż għalhekk. Biss kif tgħid id-Difiża jirriżulta li l-Awtoritajiet Taljani għamlu riferenza

[18] http://www.altalex.com/index.php?idnot=36872. Ara wkoll "Esecuzione Penale e Misure Alternative alla Detenzione" – Fabio Fiorentin, Giuffre Editore, 2013, paġna 103.

speċifika għalih, kif jirriżulta minn qari tat-talba formali kontenuta fid-dokument a fol 30A ossija t-talba iffirmata mill-Ministru tal-Ġustizzja Taljan li jgħid li l-istess Brunno : "forma oggetto di ricerche in campo internazionale sulla base dell'ordine di carcerazione no 105/2009 SIEP emesso il 5.3.2009 dalla Procura generale della Repubblica di Catania, per l'esecuzione della sentenza pronunciata il 5.1.2008 dalla Corte d'Assise d'Appello di Catania, definitiva il 5.3.2009…"

23. Biss apparti dan id-dokument, hemm ukoll ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-ħtija u tal-kundanna li fil-fatt tirriżulta mhux biss mis-sentenza innifisha u bis-sentenza innifisha kif intqal aktar il-fuq, iżda tinstab ċertifikazzjoni indipendenti **fis**-sentenza innifisha u li ġiet eżibita a fol 35. Jekk wieħed jara din is-sentenza, fil-marġini tax-xellug tagħha hemm notament stampat li jgħid : "Esecutiva il" u kliem bil-kitba li jgħid "vedi annotazioni in calce". Meta wieħed imur a paġna 45 tas-sentenza, ossija paġna 81 tal-proċess, isib li bil-kitba hemm ċertifikazzjoni magħmula mill-"Il Cancelliere dott. P.B. Montalto" li tgħid is-segwenti (skont it-traduzzjoni mit-Taljan għall-Ingliż a fol 166 u 167): -

> "The Court of Cassation with its decision of 5.3.2009 rejects the appeals and orders the appellants to pay jointly the trial costs. Executive Excerpt of the Court of Cassation transmitted to the Office the State Attorney General, Catania on 6.3.2009. Final for Sebastiano Brunno, Ciro Fisicaro, Sal. Listo and Filadelfo Ruggeri".

Fil-fehma tal-Qorti din iċ-ċertifikazzjoni waħedha hija diġà sufficjenti biex tissodisfa l-vot tal-Liġi fl-ewwel parti tal-Artikolu 13(2)(b) tal-Kap 276.

24. Pero jekk biss *gratia argomenti* l-interpretazzjoni tad-Difiża għandha tiġi aċċettata u jingħad li f'dan il-każ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(2)(b) kienu intiżi li jkunu soddisfatti bid-dokument a fol 32 allura minħabba l-iżbalji li fih dan id-dokument, it-talba għall-estradizzjoni tal-estradant f'dan il-każ għandha per forza tfalli? Kif ingħad aktar il-fuq, din il-Qorti tqis li trid teżamina n-natura ta' tali żbalji u tara jekk l-istess żbalji f'dan id-dokument humiex ta' serjeta tali li tkun timmerita li tiġi milqugħa l-

eċċezzjoni de quo.

25. Kif din il-Qorti kellha diġa l-opportunita li tesprimi ruħha fid-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru 2014, huwa minnu, u ġie rikonoxxut, li d-dokument intestat "ordine di esecuzione per la carcerazione" eżibit a fol 32 kien fih indikazzjoni żbaljata tal-ammont **totali** tal-piena li l-estradant kien ġie kkundannat għaliha fis-sens li f'dan id-dokument jintqal li Brunno ġie kien ġie kkundannat għall-piena ta' "Ergastolo con isolamento diurno per anno 1".

26. Biss din il-Qorti diġa rrimarkat li minn dan id-dokument a fol 32 jirriżulta mhux biss li saret riferenza sħiħa għas-sentenza kundannatorja a fol 35 iżda li l-indikazzjoni għar-reati li dwarhom ġie misjub ħati Brunno jirriżulta li kienet korretta fis-sens li tagħmel riferenza għaż-żewġt sentenzi fundamentali għas-sejbien ta' ħtija tiegħu u tal-piena effettivament inflitta fuqu u ċjoe' dik tal-25 ta' Jannar 2003 mogħtija mill-Corte di Assise ta' Siracusa kif riformata bis-sentenza tal-Corte di Assise di Appello ta' Catania tal-5 ta' Marzu 2008 u li ġiet deskritta fl-istess dokument bħala "omicidio aggravato e altro data consumazione 11/04/1992 – luogo Lentini".

27. Illi minn dan jirriżulta ċar li minn qari tas-sentenza li saret riferenza għaliha fl-istess "ordine" u eżibita a fol 35 – ċioe dik tal-Corte di Assise di Appello di Catania, dan l-"omicidio aggravato e altro" hawn fuq riferit u li ġie konsumat fil-11 t'April 1992 f'Lentini ma huwa xejn **ħlief** dak relattiv għall-omiċidju Agnello u li għall-liema omiċidju l-istess estradant kien ġie kundannat skont l-akkużi L u L1 minn dik il-Corte di Assise di Appello di Catania. Din ir-referenza speċifika għad-data, lok u reat t'omiċidju aggravat u oħrajn ma tirreferix għall-akkużi ta' tentattiv t'omiċidju u ġarr ta' armi u splussiv li minnhom Brunno kien ġie liberat u dan in kwantu dawn ir-reati ma seħħewx fil-11 t'April 1992 f'Lentini kif imsemmi fl-"ordine" iżda ġew ikkunsmati fit-3 ta' Settembru 1992 f'Noto liema data u lok **ma jissemmewx** fl-istess "ordine". Kjarament

hawnhekk li l-indikazzjoni fl-"ordine" dwar ir-reati li tagħhom Brunno instab ħati hija preċiża u tolqot biss dak li Brunno kien ġie misjub ħati tiegħu u kkundannat għalih u ċjoe l-omiċidju ta' Agnello Nicolo fl-11 t'April 1992 f'Lentini u kwalifikata fuq l-istess "ordine" bil-kliem "omicidio aggravato e altro" – kif fil-fatt hu. Jiġifieri kwantu għaċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-ħtija u tal-kundanna l-informazzjoni kontenuta fl-"ordine" ma jirriżultax li kienet żbaljata.

28. Apparti minn dan, l-istess Artikolu 13(2)(b) jirrikjedi li minbarra din iċ-ċertifikazzjoni għandu jkun hemm dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna. Il-kliem fil-"ordine" a fol 32 huwa : "per cui risultano da espiare : ERGASTOLO con isolamento diurno per anno 1". Issa hawnhekk fil-fatt jirriżulta li huwa żball. Mis-sentenza eżibita a fol 35 jirriżulta li l-piena li għaliha ġie kkundannat definittivament l-estradant kienet iva dik ta' ergastolo, iżda l-isolamento diurno korrett huwa dak ta' sitt xhur u mhux sena. Dan fil-fatt huwa l-iżball li hemm imsemmi f'dan id-dokument a fol 32. Pero dan l-iżball, fil-fehma tal-Qorti, għall-fini tad-determinazzjoni tal-obbligu naxxenti mit-tieni parti tal-Artikolu 13(2)(b), u ċjoe ta' dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna mhux żball li jolqot is-sustanza tal-istess rekwiżit. Ir-raġuni hija li l-iskop wara tali rekwiżit huwa li l-Ministru jkun jaf eżattament jekk l-estradant ikunx irid jiskonta l-piena kollha jew parti minnha. Jekk l-estradant ikun irid jiskonta biss parti mill-piena inflitta lilu, allura hemmhekk żgur li jkun il-każ li jkun hemm indikazzjoni preċiża ta' kemm ikun skonta minnha. Biss jekk l-estradant ma jkun skonta xejn mill-piena inflitta lilu, dak li huwa meħtieġ għall-Ministru li jkun jaf huwa li fil-fatt dan l-estradant ma skonta xejn mill-piena inflitta lilu. Issa f'dan il-każ jirriżulta li din l-informazzjoni fil-fatt tinsab fl-ordine a fol 32 u minkejja l-indikazzjoni żbaljata f'dik il-parti tal-piena li titratta l-miżura tal-isolamento diurno, xorta waħda jirriżulta li hija informazzjoni korretta. Kif? Meta wieħed janalizza d-deskrizzjoni tal-"pena principale" din hija deskritta bħala

"ERGASTOLO con isolamento diurno per anno 1". Issa dan fil-fatt hwa wkoll rifless f'dik il-parti tal-ordine li titratta "per cui risultano da espiare : ERGASTOLO con isolamento diurno per anno 1". Jiġifieri l-messaġġ aħħari u sostantiv u li jissodisfa l-vot tal-Liġi Maltija huwa li, minkejja l-iżball f'dik il-parti tal-piena li titratta l-miżura tal-isolamento diurno li suppost kellha tiġi imniżla bħala "mesi 6" u mhux "anno 1", ladarba l-quantum tal-piena hemmhekk imniżla u l-quantum tal-piena li l-estradant għad irid jiskonta jaqblu perfettament, allura l-Ministru jaf li l-estradant għad irid jiskonta l-piena kollha fl-intier tagħha – irrispettivament kemm fil-verita jirrizulta li kienet. Issa l-iskop tar-rekwiżit legali fit-tieni parti tal-Artikolu 13(2)(b) huwa li l-Ministru jkun jaf kemm l-estradant ikun skont mill-piena, jekk ikun skonta xi ħaġa minnha. U f'dan il-każ jirriżulta ċar li mill-informazzjoni mogħtija lilu skont l-istess dokument, it-tweġiba lill-Ministru għal dan il-kweżit, fis-sustanza hija korretta u ċjoe li l-estradant de quo għad irid jiskonta l-piena kollha.

29. Dil-Qorti jidhrilha li din l-ineżattezza f'dik il-parti tal-piena li titratta l-miżura tal-isolamento diurno per se, minkejja li mhix deżiderabbli, ma tistax twassal biex minħabba fiha biss, din il-Qorti tordna li l-estradant jiġi meħlus mill-kustodja u twaħħal il-proċess t'estradizzjoni tal-estradant. Dan għaliex din l-ineżattezza fid-deskrizzjoni tal-piena għall-fini tad-dikjarazzjoni rikjesta mit-tieni parti tal-Artikolu 13(2)(b) tal-Kap 276 ma tikkostitwix żball sostantiv u fundamentali għall-fini tal-istess rekwiżit. Del resto, il-piena imsemmija f'dik il-parti tal-"ordine" tinkludi fiha wkoll il-parti korretta tal-piena prinċipali ossija l-"Ergastolo" u l-parti żbaljata hija dik li tirreferi għall-"isolamento diurno". Pero anke hawn, ebda waħda mill-pieni u miżuri emanati kontra l-estradant ma kienet fundamentalment żbaljata. L-ineżattezza f'dak id-dokument kienet tirreferi għall-kwantum tal-"isolamento diurno" fejn dik korretta ġiet rikonoxxjuta bħal tali minn din il-Qorti fuq

l-iskorta tas-sentenza innifisha u eżibita a fol 35 u li l-istess "ordine" jagħmel riferenza ampja għaliha.

30. Pero minbarra dan kollu mill-istess inkartament jirriżultaw dokumenti oħra li jindikaw li l-estradant f'dan il-każ kien misjub u ċertifikat ħati, *inter alia* tar-reati de quo u li jrid jiskonta s-sentenza tal-priġunerija għall-għomor legalment emessa kontrih bis-sentena a fol 35. Mir-"red notice" tal-Interpol li a tergo ta' fol 3 jirriżulta li l-estradant ġie kkundannat għall-"life imprisonment" inter alia għar-reati li tagħhom ġie misjub ħati kif ukoll li "remainder of sentence to be served : life imprisonment". Oltre minn hekk, mill-istqarrija rilaxxjata mill-estradant a fol 7 u 8 l-istess estradant jistqarr b'mod ċar mhux biss li ġie kkundannat għall-omiċidju u fuq il-pussess tal-armi iżda wkoll li jispeċifika li huwa ġie meħlus mill-akkużi li kienu jarawh involut fit-tentattiv t'omiċidju u ġarr u żamma tal-isplussivi. Anzi jżid li huwa jaf li huwa kien weħel sentenza ta' priġunerija għal għomru u li kien maħrub mill-Italja minħabba f'hekk.

31. U in definittiva jekk dak mistqarr fis-sentenza "Il-Pulizija vs George Cauchi"[19] ġaladarba l-ligijiet li jitrattaw l-estradizzjoni, ma humiex strettament liġijiet ta' natura penali għandhom jiġu interpretati b'mod li, sa fejn hu possibbli, jintlaħaq l-iskop li għalih saru, u ċjoe` li jkun hemm ko-operazzjoni internazzjonali b'tali mod li reati ta' ċerta` gravita` jiġu puniti fil-pajjiż fejn ikunu twettqu. Tali liġijiet, għalhekk, ma hux meħtieġ li jingħataw interpretazzjoni restrittiva – bħalma jiġri fil-każ ta' liġijiet penali. Kieku kellu jiġi milqugħ l-argument tad-Difiża fuq din l-ineżattezza hawn fuq imsemmija u fil-kuntest legali li għalih tirreferi u li fih tinsab kollokata, kien ikun ifisser li din il-Qorti tkun qed tmur kontra dak imsemmi fil-kawża "Il-Pulizija vs George Cauchi" nonche tkun qegħda tagħmel bastun fir-roti ta proċeduri serji t'estradizzjoni fuq

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2004.

teknikalita' u formalita' żejda li, kif imsemmi aktar il-fuq ikun jistultifika r-ratio ta' dawn il-proċeduri t'estradizzjoni. U dan b'mod partikolari meta wieħed jieħu qies li s-sentenza eżibita a fol 35 hija ċara fir-rigward tal-piena u miżuri korrettement inflitti fuq l-estradant u wkoll fid-dawl li l-istess estradant jirrikonoxxi kemm l-istess sentenza kif ukoll l-istatus tiegħu ta' maħrub mill-Ġustizzja Taljana.

32. Analizzati u epurati l-punti precedenti rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-estradant minn din l-ottika il-kumplament tal-eċċezzjonijiet u l-argumenti sollevati mid-Difiża dwar l-awtentiċita tad-dokument eżibit mill-Prosekuzzjoni a fol 190, l-ammissjoni tiegħu fi stadju wara li l-Ministru kien diġa ħareġ l-Awtorita għall-proċediment u l-fatt li fih fatti diverġenti minn dawk imsemmija fl-Awtorita għall-proċediment isiru superfluwi. Dan peress li din il-Qorti filwaqt li qablet mad-Difiża li dan id-dokument ma kienx viżjonat mill-Ministru meta waslulu d-dokumentazzjoni flimkien mat-talba tal-Eżekuttiv Talja, mill-banda l-oħra l-istess Qorti mhix qegħda tistrieh fuq dan id-dokument u l-fatti kontenuti fih għall-fini tal-konklużjonijiet tagħha jekk l-estradant għandux jitqiegħed taħt kustodja għall-fini biex jiġi eventwalment estradit jew le.

Il-Qorti għalhekk, għar-raġunijiet premessi, tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-estradant.

Illi r-raba' eċċezzjoni tal-estradant, jekk din hija tali, hija li l-esklużjoni tal-aggravanti imsemmija fl-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 ma tfissirx li teskludi "lo stampo Mafioso del reato" iżda jeskludi biss ir-reat t'"associazione mafiosa".

Illi l-Prosekuzzjoni ttenni li din l-esklużjoni teskludi l-aspett mafjuż tar-reat.

Din il-Qorti wara li rat l-istess Artikolu tikkonkludi li dan l-Artikolu huwa maħsub li joħloq kwalifiki fil-piena eroganda u li huma intiżi li jiġu applikati fil-kuntest ta' reati li jinvolvu kriminalita organizzata kif ukoll biex tassikura trasparenza fl-amministrazzjoni tal-Ġustizzja f'każijiet ta' kriminalita organizzata. F'dan il-każ il-fatt li din il-kwalifika ġiet eskluża għar-rigward tal-estradant tfisser li huwa ma kienx soġġett għall-istess kwalifika fil-piena li huwa ingħata għall-ħtija fil-każ tal-omiċidju Agnello. Dan ifisser li huwa għalhekk jista ibbenefika minn kundizzjoni ta' piena aħjar minn dak li kien oriġinarjament kontestat lilu qabel ma tali kwalifika ġiet eskluża lilu. Biss din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dak li l-esklużjoni ta' din il-kwalifika kienet sempliċiment esklużjoni <u>**tar-reat**</u> t'"associazione mafiosa" kif eċċepit mid-Difiża u b'hekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

***<u>Konklużjoni</u>***

Għaldaqstant din il-Qorti wara li rat :

(a) l-Awtorita għall-Proċediment maħruġa kontra Sebastiano Brunno,
(b) l-atti kollha u semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet kollha,
(c) wara li qieset li r-reati li għalihom qed tintalab l-estradizzjoni tal-istess Brunno huma reati t'estradizzjoni u li hija soddisfatta li l-istess Sebastiano Brunno huwa ħieles kontra l-Liġi wara li kien ġie misjub ħati ta' reati kriminali,

in vista tas-suespost, u salv dak li ser jingħad aktar l-isfel, tara li ma hemm ebda raġuni għaliex l-estradant ma għandux jiġi imqiegħed f'kustodja sabiex jiġi mreġġa' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja u dan sabiex hemmhekk jitwettaq dak imsemmi fl-Awtorita għall-Proċediment u l-iskeda annessa,[20] b'dan pero li mill-istess Awtorita' għall-Proċediment u skeda għandha titwettaq biss u limitatament dik il-parti fejn tirreferi għar-reati li l-istess estradant kien ġie misjub ħati tagħhom permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Catania fil-proċeduri penali numru 6711/96 RGNR liema sentenza hija datata 5 ta' Jannar 2008 u li ġiet reża irrevokabbli nhar il-5 ta' Marzu 2009 kontra l-estradant Sebastiano Brunno[21] u ċjoe' fejn l-estradant kien ġie liberat mill-akkużi tat-tentattiv t'omiċidju ta' Cassia Vincenzo et al u l-pussess t'armi tan-nar u splussiv[22] iżda fejn kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (bl-esklużjoni tal-aggravanti skont l-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u l-pussess t'armi tan-nar liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 t'April 1992 u fejn allura, bis-sentenza hekk riformata ġie ikkundannat għall-piena tal-priġunerija għal għomru (ergastolo) flimkien mal-iżolament bi nhar (isolamento diurno) għal perjodu ta' sitt xhur u dan sabiex l-istess Sebastiano Brunno iservi u jiskonta din il-piena.

***<u>Għaldaqstant</u>*** : -

il-Qorti qegħda, għar-raġunijiet premessi, u wara li rat l-Artikolu 15(3)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba tal-

[20] A fol 22 u 23 rispettivament

[21] fejn l-istess Brunno kien ġie misjub ħati mill-Corte di Assise di Appello ta' Catania 1a Sezione datata l-1 ta' Ġunju 2005 li rriformat is-sentenza tal-Corte di Assise di Siracusa datata 25 ta' Jannar 2003.

[22] liema reati seħħew f'Noto fit-3 ta' Settembru 1992.

Kummissarju tal-Pulizija datata 3 t'Ottubru 2014 u tordna li Sebastiano Brunno jiġi imqiegħed taħt kustodja sabiex jiġi mreġġa' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja biss u limitatament għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq fil-paragrafu preċedenti jiġifieri sabiex jiskonta l-piena ta' priġunerija għal-għomru flimkien mal-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni t'aggravanti skont l-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u l-pussess t'armi tan-nar liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 t'April 1992.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-estradant qed jiskonta sentenza għax kien misjub ħati f'Malta, huwa m'għandux jitreġġa' lura skont dan tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta lejn ir-Repubblika tal-Italja sakemm ma jkun skonta is-sentenza tiegħu.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tinforma lill-estradant li fi kwalunkwe każ huwa ma jistax jiġi mreġġi lura qabel ma jgħaddu ħmistax il-jum mid-data ta' din l-Ordni kif ukoll li huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Inoltre, il-Qorti qegħda tinforma lill-estradant ukoll li jekk huwa jħoss u jaħseb li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) jew (2) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il- Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.

***Mogħtija illum it-28 ta' Novembru 2014, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------